# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 238/2016 MH**

**Illum, 15 ta' Jannar, 2020**

**Salvatore u Audrey konjugi D'Emanuele eżerċitanti fil-kummerċ bħala S & A D'Emanuele**

**vs**

**Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino u kif ukoll Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapaċita' tagħhom ta' partners ta' Deloitte Malta ġja Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-atturi tat-22 ta' Marzu 2016** li permezz tiegħu esponew:

1. *"Illi r-rikorrenti kisbu titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija Priceclub Operators Ltd u dan f'ammont rappresentanti merċa mibjugħa, konsenjata u mhux imħallsa. Fil-fatt Priceclub Operators Ltd ammettiet dik il-kawża kontriha fis-sentenza fl-ismijiet Salvatore D'Emanuele eżercjenti fil-kummerċ bħala S & A D'Emanuele vs Priceclub Operators Limited (Cit Nru: 1171/2001 GCD) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Ottubru 2001 (kopja legali Dok A).*

2. *Illi l-istess kumpanija illum għaddejja minn proċeduri ta' stralċ liema proċeduri għadhom pendenti.*

**3.** *Illi skond f'diversi sentenzi fosthom Dr Andrew Borg Cardona bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza ta' Priceclub Operators Limited vs Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino (Rikors Nru: 27/2003) konfermata mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-14 ta' Mejju 2010 ġie dikjarat li d-diretturi kienu responsabbli għal kull dejn tal-kumpannija u dan a tenur tal-artikoli 315 u 316 tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minħabba li għamlu kummerċ bi frodi u kummerċ ħażin.*

4. *Illi skont sentenza oħra fl-ismijiet Valle Del Miele Limited vs Raphael Aloisio et (Ċitaz. nru. 1902/01JA) deċiża mill-Prim Awla fis-16 ta' Diċembru 2013 li pero' għadha pendenti fl-appell, ġie deċiż illi hemm responsabbilta' anke tal-konvenuti l-oħra minħabba negliġenza bil-mod kif ħejjew u ppubblikaw l-audited accounts.*

5. *Illi minħabba f'dan, u apparti minħabba kummerċ bi frodi u kummerċ ħażin, hemm responsabbilta' wkoll tal-konvenuti Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino minħabba li dawn ikkollaboraw mal-*

*konvenuti l-oħra fit-tħejjija ta' audited accounts li ma kienux jirriflettu l-istampa vera tas-soċjeta' in kwistjoni.*

6. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

7. *Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1) *Tiddikjara li għar-raġunijiet hawn fuq premessi li l-konvenuti flimkien jew min minnhom aġixxew frawdolentement u/jew b'mod negliġenti, il-konvenuti Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino bil-mod kif mexxew in-negozju tal-kumpanija Priceclub Operators Ltd u l-konvenuti kollha flimkien bil-mod kif saru l-audited accounts u ġew pubblikati, u konsegwentement ikkawżaw danni lill-atturi.*

2) *Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi.*

3) *Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħax u l-konvenuti inġunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata ta' Raphael Aloisio, Malcolm Booker, Steve Cachia, Edward Camilleri, Andrew Manduca, Paul Mercieca u Stephen Paris personalment u fil-kapacita` taghhom ta' partners ta' Deloitte Malta**

**ġia` Deloitte & Touche, Certified Public Accountants and Auditors tal-1 ta' Lulju 2016**[1] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. *"Illi, preliminarjament u irrispettivament minn kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) billi ir-rikors maħluf li għalih qegħda ssir din it-tweġiba (ir-**"Rikors Maħluf"**) huwa l-ewwel darba li tressqu il-pretensjonijiet hemm imsemmija fil-konfront tal-konvenuti esponenti w għalhekk, in kwantu l-istess azzjoni attriċi hija diretta kontra il-konvenuti esponenti, din għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti;*

2. *Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, in kwantu l-mertu tal-kawża odjerna kontra l-konvenuti esponenti ostensibilment qed jistrieħ fuq is-sentenza "Valle Del Miele Limited vs. Raphael Aloisio et" (Ċitazzjoni Numru 1902/01 JA) (is-**"Sentenza"**), l-atturi rikorrenti ma għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ biex jesperixxu l-azzjoni odjerna billi, kif anke dikjarat fir-raba' paragrafu tar-Rikors Maħluf, is-Sentenza għadha ma għaddietx in ġudikat għaliex għadha pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u għalhekk l-istess azzjoni attriċi kontra l-konvenuti esponenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti;*

3. *Illi wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, l-azzjoni attriċi hija legalment improponibbli kontra il-konvenuti esponenti w għalhekk, in kwantu magħmula kontra tagħhom, għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti billi:*

---

[1] Folio 8

a) *L-atturi rikorrenti ma kienux parti fil-kawża Valle del Miele Limited vs Raphael Aloisio et (Ċitazz. Nru 1902/01JA) li fiha ngħatat is-Sentenza u li fuqha qegħdin jistrieħu biex jesperixxu l-azzjoni odjerna;*

b) *Bis-Sentenza fil-kawża Valle del Miele Limited vs Raphael Aloisio et (Citazz. Nru 1902/01JA) il-konvenuti esponenti ma ġewx ikundannati jħallsu ebda danni;*

c) *Ġudikat jagħmel stat fil-konfront tal-partijiet fil-kawża li fiha ikun ingħata l-ġudizzju finali u għalhekk is-sentenzi imsemmija fl-ewwel u t-tielet paragrafi tar-Rikors Maħluf, ċioe' Salvatore D'Emanuele eserċenti fil-kummerc bħala S&A D'Emanuele vs Priceclub Operators Limited (Ċit. Nru 1171/2001) mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru 2011, Dr Andrew Borg Cardona bħala stralċjarju għan-nom u in rappresentanza ta' Priceclub Operators Limited vs Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino (Rikors Numru 27/2003) mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-14 ta' Mejju 2010 u sentenzi oħra li għalihom isir riferiment fl-istess tielet paragrafu tar-Rikors Maħluf, ma jistgħux jiġu applikati fil-konfront tal-konvenuti esponenti billi l-istess konvenuti esponenti ma kienux partijiet fil-kawżi li fihom ingħataw dawk is-sentenzi - daqs kemm is-Sentenza fil-kawża Valle del Miele Limited vs Raphael Aloisio et (Ċitazz. Nru 1902/01JA) ma tistax tiġi applikata fil-konfront tal-partijiet l-oħra f'din il-kawża billi l-partijiet l-oħra ma kienux partijiet fil-kawża li fiha ingħatat dik is-Sentenza; u*

d) *Il-fatt li Price Club Operators Limited għaddejja minn proċeduri ta' stralċ kif dikjarat fit-tieni paragrafu tar-Rikors Maħluf, ma jikkostitwixxix*

*bażi fil-liġi sabiex l-atturi rikorrenti jagħmlu din il-kawża kontra l-konvenuti esponenti;*

4. *Illi, wkoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet, il-kawża odjerna hija wkoll legalment improponibbli kontra il-konvenuti esponenti w għalhekk, in kwantu magħmula kontra tagħhom, għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti stante li huma d-diretturi ta' Price Club Operators Limited biss (l-intimati Zammit, Gauci u Fino) li ġew ikkundannati għal kummerċ ħażin u frawdolenti, u tali responsabbilta` la hija trasferibbli u lanqas hija komunikabbli minn wieħed għal ieħor jew minnhom jew min minnhom għal għand terz jew terzi. Ma jeżisti ebda ġudikat li bih l-eccipjenti, jew min minnhom ġew ikkundannati għal kummerċ ħażin jew frawdolenti l-ewwel għaliex huma ma għamlu xejn biex jiġu hekk ikkundannati u t-tieni għaliex is-sentenza imsemmija fit-tielet paragrafu tar-Rikors Maħluf, ċioe' Dr Andrew Borg Cardona bħala stralċjarju għan-nom u in rappresentanża ta' Priceclub Operators Limited vs Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino (Rikors Numru 27/2003) mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-14 ta' Mejju 2010, mhix trasferibbli u l-anqas kominikabbli lill-konvenuti eċċipjenti;*

5. *Illi dejjem preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenuti eċċipjenti Edward Camilleri, Andrew Manduca u Paul Mercieca irtiraw billi waslu għall-eta` ta' l-irtirar qabel ma ġiet istitwita din il-kawża w għalhekk it-talbiet attriċi fil-konfront tagħhom personalment u fil-kapaċita' tagħhom ta' partners ta' Deloitte Malta ġja Deloitte & Touche Certified Public Auditors & Accountants għandhom jiġu miċħuda;*

6. *Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għal dak kollu premess, l-eċċipjenti jikkontestaw il-ħames paragrafu tar-Rikors Maħluf, jikkontestaw kull addebitu ta' ħtija u responsabilita' hemm allegata u jiċħdu li huma "ikkollaboraw mal-konvenuti l-oħra". Għall-kuntrarju, l-eċċipjenti qdew il-funzjonijiet tagħhom professjonalment u skont id-dettami applikabbli fl-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom u ma aġixxewx frawdolentement jew b'mod negliġenti u ma kien hemm ebda għemil minn naħa tagħhom li kkawża d-danni pretiżi mill-atturi rikorrenti f'din il-kawża w għalhekk ukoll it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda fil-konfront ta' l-eċċipjenti esponenti kollha bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti.*

7. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

8. *Illi Malcolm Booker jiddikjara illi huwa personalment jaf bil-fatti kontenuti f'din it-tweġiba maħlufa."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta guramentata tal-konvenut Wallace Fino tas-7 ta' Settembru 2016**[2] li permezz tagħha ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

*"1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2153 u/jew 2154 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

[2] Fol 24 et seq

*2. Illi fil-mertu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess atturi;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat illi l-konvenuti Victor Zammit u Christopher Gauci, debitament notifikati bl-atti tal-kawża baqgħu kontumaċi.

Rat illi skont id-digriet tagħha tal-24 ta' Marzu 2017[3] kellhom jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni.

Rat il-provi tal-partijiet, in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejniethom u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tagħhom.

Rat illi l-kawża tħalliet għall-lum għas-sentenza dwar dawn l-eċċezzjonjiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

L-atturi jiddikjaraw li huma kienu biegħu u kkonsenjaw merċa lil Price Club Operators Ltd, liema merċa huma ma tħallsux tagħha u għalhekk kienu ntavolaw proċeduri dwar dan li ġew ammessi mis-soċjeta' msemmija. Huma fetħu l-kawża odjerna kontra l-eks diretturi u l-eks awdituri ta' dik is-soċjeta' għax fil-fehma tagħhom huma jew min minnhom aġixxew frawdolentement u/jew b'mod negliġenti fil-konfront tal-atturi. L-atturi qegħdin għalhekk jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni.

Il-konvenuti fil-mertu jirrespringu l-pretensjonijiet attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

[3] Fol 40

## PROVI

1. Xehdet **l-attriċi Audrey Demanuele**[4] li qalet li hi u żewġha jaħdmu bħala mportaturi u distributuri ta' prodotti tal-ikel u jqassmu fil-ħwienet u supermarkets. Huma kienu jissuplixxu anke lis-supermarkets tal-Price Club minn meta fetħu fl-1998 sakemm għalqu fl-2001. Huma kienu jaħdmu magħhom bid-dejn u minn żmien għal żmien kienu jibgħatu pagament biex jaqtgħu parti minnu.

Maż-żmien bdew itawwlu l-credit terms. Ir-raġunijiet għal dan id-dewmien kienu jkunu bosta, fosthom li kienu qiegħdin jespandu u għalhekk ma setgħux iħallsu f'dak il-mument. Wara ċertu żmien, bdiet tara li dawk kienu biss skużi sabiex itawwlu l-pagamenti. Għalhekk, fl-aħħar sena tan-negozju tagħhom magħhom kienet iddeċidiet li tieqaf tagħtihom il-merċa. Hija semgħet ukoll xi għajdut li l-Price Club kienu f'sitwazzjoni finanzjarja prekarja.

Malli waqfet tagħtihom ix-xogħol, irċeviet telefonata minn għand xi ħadd min-naħa tagħhom, li kien barrani u kunjomu kien Zolt. Dan assikuraha li min-naħa tagħhom kollox kien sew u li definittivament ma kienux qegħdin ifallu u li huma kienu l-akbar u l-aktar *chain* ta' supermarkets b'saħħithom hawn Malta. Minħabba f'hekk reġgħu bdew jagħmlu n-negozju magħhom. Tgħid pero' li għalkemm xi flus f'ammont żgħir kienu jitħallsu, id-dejn tagħhom magħhom baqa wieħed sostanzjali u ma nqatax.

Fl-aħħar xhur ta' din l-istorja, tgħid li Price Club ġabu awdituri sabiex ikellmuhom u fil-fatt saru laqgħat ma' Price Club. Hi kienet preżenti flimkien ma krendituri oħrajn fejn ingħataw żewġ għażliet: jew li jieqfu jissuplixxu lill-Price Club u jispiċċaw ifallu għax jekk ħadd ma jissuplihom ma jkollomx x'ibiegħu u l-kredituri jispiċċaw ma jitħallsu qatt, jew li jkomplu bin-negozju

[4] Affidavit a fol 21

magħhom iżda dan fuq *cash* basis. Hija qalet li tiftakar illi l-awdituri f'dawk il-laqgħat ma kinux allarmawhom fis-sens illi kienu qalulhom illi l-problema kienet biss waħda ta' likwidita u kienet waħda temporanja. Kienu ħeġġewhom ukoll li eventwalment kienu ser jitħallsu sa' l-inqas ċenteżmu ta' dak li kellhom jieħdu. L-attriċi żiedet tgħid li hi ma tifhimx f'*accounts* u allura kienet toqgħod fuq l-kelma tagħhom u ta' l-awdituri tagħhom. Minħabba f'dan ħadu l-parir tal-awdituri tal-Price Club u għażlu t-tieni arranġament, ċioe' li jibqgħu jissupplixxuhom. Huma kienu jitħallsu saħansitra mill-awdituri tagħhom.

Tgħid pero', li ġurnata minnhom ġew infurmati li Price Club kien falla u li kienu għalqu l-bibien. Huma kienu sorpriżi ħafna għal dan u bdiet tħoss illi kulħadd kien ingannahom inkluż l-awdituri tal-Price Club. Lanqas ix-xogħol li ma kienx ġie mibjugħ minnhom ma setgħu jieħdu lura u kien hemm dejn sostanzjali.

L-attriċi qalet li għalhekk mexxew b'kawża kontra Price Club, li ġiet ammessa minnhom. Minn dakinhar pero' huma ma tħallsu xejn.

Minħabba f'dan kollu u li issa diġa għaddew ħmistax-il sena minn mindu rebħu s-sentenza baqgħu mingħajr flus u kellhom jiftħu l-kawża odjerna. Din il-kawża infetħet għax hi infurmata li diġa hemm sentenza ta' Dr. Andrew Borg Cardona li turi d-direttur ta' Price Club kien mxew b'mod frawdolenti u sentenza oħra ta' Valle Del Miele Limited, li taf li qiegħda tistenna appell, fejn ġie deċiż li għandhom ikunu responsabbli wkoll l-awdituri.

Minħabba f'dawn l-aħħar sentenzi huwa ċar għall-attriċi li l-intimati kienu qegħdin jgħaddu ż-żmien bihom u li kienu jafu sew li dan id-dejn qatt ma seta jitħallas. Li kieku kienu poġġewlhom stampa ċara mill-bidu huma kienu jwaqqfu n-negozju magħhom u mal-Price Club u ma kienx jitla' d-dejn li tela'. Anzi, tgħid li ħasbu li jekk ifallu hi ma kienet sejra ssib ebda flus. Minħabba

f'hekk qiegħda titlob li l-istess kif ġie deċiż fis-sentenzi li semmiet, hi tkun tista titħallas mad-diretturi u l-awdituri.

F'**affidavit ulterjuri**[5] l-attriċi qalet li lejn l-aħħar kienu ftehmu l-kredituri kollha sabiex jiffurmaw kumitat tal-kredituri. Dan seħħ fl-aħħar nett meta indunaw li l-istampa finanzjarja tal-kumpanija kienet waħda ħażina. Il-kumitat kien inkariga awdituri oħra, ċertu Price Warehouse Coopers, u dan kienu eżaminaw l-*audited accounts* tal-Price Club. Kien biss hemmhekk illi kien irriżultalhom illi l-qagħda finanzjarja tal-kumpanija kienet differenti ħafna mill-istampa kif murija fl-*audited accounts* kif imħejjija minn Deloitte & Touche. Hi ftakret illi fost l-aħħar tentattivi li saru biex tiġi salvata l-kumpanija l-kredituri kienu qed jippruvaw jippressaw lill-azzjonisti biex jiddepożitaw ammont ta' flus minn buthom. Kienu talbuhom ukoll sabiex għall-mument jevitaw li jagħmlu kważi kontra tagħhom sabiex ma jkissruhomx aktar. Tiftakar ukoll illi kien hemm investitur barrani li kien interessat li jinvesti fil-kumpanija. Qalet li taf li l-azzjonisti kienu ħarġu xi ammont ta' flus li ma kienx ilaħħaq l-ammont li kien qed jintalab. Ftit wara n-negozju għalaq.

F'**xhieda viva voce quddiem il-Qorti**[6] hija kkonfermat li qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni qatt ma bagħtu ittri uffiċjali jew protesti ġudizzjarji kontra l-konvenuti.

2. Xehdet **Dr Yvonne Tonna Borg għan-nom tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali**[7] u qalet li minn riċerka li għamlet għall-perjodu mill-1 ta' Jannar

---

[5] Fol 31
[6] Fol 141 et seq
[7] Fol 140 et seq

2012 sal-31 ta' Diċembru 2016 irriżulta li ma ġew preżentati ebda ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju mill-atturi kontra l-konvenuti fil-kawża[8].

3. Xehed **l-avukat Andrew Borg Cardona**[9], li kien inħatar u għadu jokkupa l-kariga ta' stralċjarju tas-soċjeta' Price Club Operations Ltd u diversi soċjetajiet oħra konnessi mal-istess u jaf li l-intimat f'dawn il-proċeduri kien direttur ta' dawn il-kumpaniji. Huwa żied jgħid li fi proċeduri li kien intavola bħala stralċjarju, l-intimat Victor Zammit kien instab responsabbli mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, kif konfermat eventwalment mill-Qorti tal-Appell, in solidum mad-diretturi l-oħra mħarrkin fl-istess proċeduri, għad-djun kollha tal-kumpaniji de quo a bażi ta' *fraudulent trading*. Qal ukoll li l-istralċ kien għadu għaddej pero' ma ġie rkuprat xejn mid-diretturi u li għalhekk f'dan is-sens jibqa' keditur tagħhom fil-kariga tiegħu bħala stralċjarju għad-djun kollha tal-kumpaniji ndikati.

4. Ġew esibiti kopji ta' –

i. **sentenza tas-16 t'Ottubru 2001 fl-ismijiet Salvatore d'Emanuele eżerċenti l-kummerċ bħala S & A D'Emanuele vs Priceclub Operators Ltd**[10] permezz ta' liema, fuq ammissjoni tas-soċjeta' konvenuta, l-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għas-somma ta' Lm22,168.98 (€51,639.83)

ii. **sentenza tal-14 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet Dr. Andrew Borg Cardona noe vs Victor Zammit et**[11] permezz ta' liema l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-prim istanza li kkonkludiet li ai termini u għall-finijiet tal-artikolu 315 tal-Kap 386, il-konvenuti Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace

[8] Fol 145 et seq
[9] Fol 160
[10] Fol 42 et seq
[11] Fol 45 et seq

Fino kienu personalment aġixxew bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpanija u kwindi żammet lill-istess konvenuti responsabbli personalment u *in solidum* mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbilta' għal kull dejn u/jew responsabiltajiet oħra ta' Priceclub (Operators) Ltd.

iii. **sentenza tas-16 ta' Diċembru 2013 fl-ismijiet Valle del Miele Ltd vs Raphael Aloisio et**[12] permezz ta' liema l-Qorti, filwaqt li ddikjarat li l-konvenuti aġixxew b'mod negliġenti kif mitlub fiċ-ċitazzjoni, sabet li huma ma kkaġunawx id-danni mitluba mis-soċjeta' attriċi u għalhekk ċaħdet it-talbiet attriċi kif dedotti. (Din is-sentenza ġiet appellata u l-appell jinsab differit għas-sentenza għall-24 t'Ottubru 2019).

iv. **accounts awditjati tas-soċjeta' Priceclub Operators Ltd tat-30 ta' Settembru 1999** kif sottomessi fir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-13 u fl-20 ta' Diċembru 2000[13].

**Eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni**

Il-konvenuti kollha jeċċepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni attriċi a bażi tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut Wallace Fino addizjonalment/alternattivament jiċċita wkoll l-artikolu 2154 tal-Att.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Raphael Aloisio et** tgħid hekk -

*"Illi, preliminarjament u irrispettivament minn kwalunkwe konsiderazzjoni oħra, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta) billi ir-rikors maħluf li għalih qegħda ssir din it-tweġiba (ir-**"Rikors Maħluf"**) huwa l-ewwel darba li tresqu il-*

[12] Fol 84 et seq
[13] Fol 118 et seq

*pretensjonijiet hemm imsemmija fil-konfront tal-konvenuti esponenti w għalhekk, in kwantu l-istess azzjoni attriċi hija diretta kontra il-konvenuti esponenti, din għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-atturi rikorrenti;"*

**L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Wallace Fino** tgħid hekk -

*"Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 2153 u/jew 2154 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;"*

Dawn iż-żewġ artikoli jipprovdu hekk -

*"2153. L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn."*

*2154. (1) Dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni ċivili għall-ħlas tal-ħsarat ikkaġunati b'reat, għandhom jitħarsu r-regoli li hemm fil-Kodiċi Kriminali, għall-preskrizzjoni tal-azzjoni kriminali.*

*(2) Iżda, kull min jisraq ħaġa, jew isir pussessur tagħha bil-mezz ta' reat ta' frodi, jew xjentement jirċievi jew jixtri dik il-ħaġa, meta jaf li kienet misruqa jew akkwistata bi frodi, ma jista' jippreskriviha qatt, igħaddi kemm igħaddi żmien."*

Jingħad fl-ewwel lok li jinkombi fuq il-parti li tissolleva l-eċċezzjoni li ġġib il-provi sabiex tissostanzjaha, u għalkemm il-parti attriċi għandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta billi tikkontesta t-trapass taż-

żmien preskrittiv jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż tal-prova fir-rigward ta' tali eċċezzjoni jibqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni.

L-atturi jilqgħu għall-eċċezzjonijiet tal-konvenuti billi jargumentaw li l-ebda wieħed miż-żewġ artikoli ċitati mill-konvenuti m'hu applikabbli stante li fil-fehma tagħhom l-azzjoni odjerna qegħda ssir in segwitu għas-sentenza fl-ismijiet **tal-14 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet Dr. Andrew Borg Cardona noe vs Victor Zammit et** liema proċeduri ġew ibbażati fuq l-artikolu 315 u 316 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta u jsostnu għalhekk li l-azzjoni odjerna hija wkoll bażata fuq dawk iż-żewġ artikoli. In sostenn ta' dan huma jikkwotaw ġurisprudenza li tgħid li l-preskrizzjoni tas-sentejn ma tapplikax f'dawk iċ-ċirkustanzi peress li tali proċediment huwa bażat fuq il-liġi speċjali u ċioe' l-Kap 386.

**L-artikolu 315 tal-Kap 386** jipprovdi hekk -

*"315. (1) Jekk waqt l-istralċ ta' kumpannija sew jekk b'ordni tal-qorti jew volontarjament ikun jidher li xi negozju tal-kumpannija jkun tmexxa bil-ħsieb ta' frodi ta' kredituri tal-kumpannija jew ta' kredituri ta' xi persuna oħra jew bil-għan ta' frodi, il-qorti tista' fuq rikors tar-riċevitur uffiċjali, jew tal-istralċjarju jew ta' xi kreditur jew ta' xi kontributorju tal-kumpannija, jekk jidhrilha xieraq li tagħmel hekk, tiddikjara li xi persuni li xjentement kienu partijiet fit-tmexxija tan-negozju bil-mod qabel imsemmi tkun responsabbli personalment, mingħajr ebda limitazzjoni ta' responsabbiltà għal kull jew għal xi dejn jew responsabbiltajiet oħra tal-kumpannija kif il-qorti tista' tordna.*

*(2) Meta n-negozju ta' kumpannija jitmexxa b'dak il-ħsieb jew għal dawk l-għanijiet hekk kif imsemmija fis-subartikolu (1), kull persuna li xjentement tkun parti fit-tmexxija tan-negozju kif intqal qabel, tkun ħatja ta' reat u tista' teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux aktar minn mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgħa u tletin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (232,937.34) jew priġunerija għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin jew dik il-multa u priġunerija flimkien.*

**L-artikolu 316 tal-Att** ikompli hekk -

*316. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta kumpannija tkun ġiet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpannija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpannija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setgħat tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha.*

*(2) Il-qorti, fuq ir-rikors tal-istralċjarju ta' kumpannija li għaliha japplika dan l-artikolu, tista' tiddikjara li persuna li kienet direttur kif imsemmi fis-subartikolu (1) tkun responsabbli li tagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpannija kif il-qorti jidhrilha xieraq.*

*(3) Il-qorti ma għandhiex tilqa' rikors taħt dan l-artikolu jekk tkun sodisfatta li l-persuna li kienet direttur kienet taf li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpannija setgħet tevita x-xoljiment minħabba l-insolvenza tagħha u skont dan tkun ħadet kull pass li kellha tieħu sabiex tnaqqas it-telf potenzjali għall-kredituri tal-kumpannija.*

*(4) Għall-finijiet tas-subartikoli (2) u (3), il-fatti li direttur ta' kumpannija għandu jkun jaf jew jaċċerta ruħu minnhom, il-konklużjonijiet li għandu jilħaq u l-passi li għandu jieħu huma dawk li jkunu magħrufa jew aċċertati, jew li jintlaħqu jew jittieħdu, minn persuna li b'mod raġonevoli tkun diliġenti li jkollha kemm –*

*(a) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li b'mod raġonevoli jkunu mistennija minn persuna li tmexxi l-istess funzjonijiet kif jitmexxew minn jew mogħtija lil dak id-direttur fir-rigward il-kumpannija; kif ukoll*

*(b) it-tagħrif ġenerali, ħila u esperjenza li għandu d-direttur.*

*(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, direttur jinkludi persuna li skont id-direzzjoni jew istruzzjonijiet tagħha d-diretturi tal-kumpannija normalment jaġixxu.*

Fl-isfond tad-diċitura taż-żewġ artikoli tal-liġi appena ċitati l-Qorti ma tikkondividix mad-difiża mressqa mill-atturi. Huwa paċifiku li fil-kawża **Dr. Andrew Borg Cardona noe vs Victor Zammit et** li għaliha qed issir referenza mill-atturi odjerni, it-talba kienet għal dikjarazzjoni ta' responsabilta' ta' kummerċ frawdolenti fil-konfront tal-intimati a bażi taż-żewġ artikoli tal-Kap 386 imsemmija. Iżda l-kawża odjerna hija separata u distinta minnha u l-mertu tagħha huwa divers. Veru li l-atturi qegħdin jattribwixxu aġir frawdolenti u/jew negliġenti lill-konvenuti anke qegħdin jitolbu dikjarazzjoni tal-Qorti f'dan is-sens. Iżda din il-kawża fit-totalita' tagħha hija waħda purament akwiljana fejn qed jintalab il-ħlas għad-danni b'riżultat tal-aġir allegat, kif fil-fatt qed jesiġu l-atturi fit-tieni u t-tielet talba tagħhom.

Anke s-sentenza stess ċitata mill-atturi fl-ismijiet **Riċevitur Uffiċjali fil-kapaċita` tieghu ta' stralċjarju tal-kumpannija Smart Malta ICT Limited vs Steve Alamango et deċiż fit-18 ta' Lulju 2017** mhux talli ma tgħinx it-teżi tal-atturi anzi tikkonferma proprju l-kontra u ċioe' li hemm differenza netta bejn azzjonijiet arġinati fuq l-artikolu 315 u 316 tal-Kap 386 u azzjonijiet ċivili għall-likwidazzjoni tal-ħlas għad-danni.

Infatti, f'dik il-kawża l-Qorti kienet iddikjarat li l-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma kienx applikabbli għall-każ proprju għax l-azzjoni ma kinitx għall-ħlas ta' danni iżda waħda bażata fuq l- Artikolu 316(2) tal-Kap. 386 tal-Ligijjiet ta` Malta għal ħlas ta' pagament favur l-attiv tal-kumpannija sabiex b`hekk ta` l-inqas jigu kopert d-dejn, spejjez u imghax illi soffrew il-kredituri.

Fis-sentenza appena msemmija, l-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet hekk –

*"L-**Art 2153 tal-Kap 16** jaqra :-*

*"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b`reat taqa` bi preskrizzjoni bl-eghluq ta` sentejn."*

*Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti illi din id-disposizzjoni ma tistax tiġi nvokata fil-proċediment tal-lum.*

***Dan tal-lum huwa proċediment sui generis volut minn lex specialis u ċioe` il-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta.***

*Għal dan il-proċediment ma tistax tigi estiża l-preskrizzjoni tas-sentejn skont id-disposizzjoni ċitata mill-intimati għal żewġ raġunijiet ewlenin.*

***Fl-ewwel lok**, din tal-lum mhijiex azzjoni għal ħlas għal ħsarat komunement magħrufa bħala danni.*

*Minn qari akkurat tal-**Art 316(2) tal-Kap 386**, jirriżulta li jekk il-Qorti ssib li huma sodisfatti r-rekwiziti tas-subartikolu (1) allura dak li **tista`** tagħmel il-Qorti huwa li tiddikjara li persuna li kienet direttur … tkun responsabbli li tagħmel **pagament** favur l-attiv tal-kumpannija kif il-qorti jidhrilha xieraq.*

*Id-disposizzjoni mhijiex titkellem dwar ħlas għal ħsarat iżda dwar pagament.*

*Il-kwistjoni mhijiex waħda ta` what`s in a name iżda wara l-użu tal-kelma pagament hemm ħsieb car u manifest ta` x`ried il-Legislatur.*

***Huwa evidenti illi l-Leġislatur ma riedx illi jkun hemm kwantifikazzjoni ta` danni skont il-parametri previsti mill-Kap 16 iżda ried iħalli lill-Qorti diskrezzjoni illi anke fil-każ li tkun sodisfatta li jirriżultaw ir-rekwiżiti tas-subartikolu (1) tkun il-Qorti (a) li tagħżel li jsir pagament u (b) jekk tagħżel li jsir hekk, kemm għandu jkun il-quantum.***

*Il-lex generalis tad-danni skont id-disposizzjonijiet tal-Kap 16 mhux hekk taħdem.*

*Għalhekk dawk id-disposizzjonijiet mhux applikabbli għall-każ tal-lum.*

***Fit-tieni lok**, abbażi tal-lex specialis dak kontemplat mill-Art 316 huwa reat kif fissret il-Qorti aktar kmieni. Anke għalhekk l-Art 2153 tal-Kap 16 ma jistax jiġi nvokat.*

***Għalhekk il-Qorti qegħda tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Art 2153 tal-Kap 16.”***

Il-Qorti tal-Appell filwaqt li kkonfermat ir-raġunament tal-ewwel Qorti kif appena ngħad żiedet tgħid hekk –

*"Fir-rigward tal-preskrizzjoni a bażi tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, din il-Qorti taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li l-azzjoni attriċi ma hijiex waħda għall-"ħlas ta' ħsarat" mhix ikkaġunati b'reat. L-attur, f'isem is-soċjeta` issa fi stralċ, mhux qed jitlob ħlas ta' danni fis-sens li tiftiehem din il-frażi fl-ordinament ġuridiku Malti. L-attur qed jitlob li l-konvenuti jikkompensaw lill-istess soċjeta` talli, konsegwenza tal-aġir tagħhom, din spiċċat b'passiv li jissupera l-attiv. Azzjoni normali ta' danni tista' tintalab minn kull vittma, anke jekk huwa jkollu assi personali biżżejjed biex iħallas kull dejn li għandu. F'din l-azzjoni, il-kontribuzzjoni tista' tintalab biss meta l-passiv jissupera l-attiv, u tintalab preċiżament bi skop li jitħallsu d-djun tal-kumpanija. L-iskop u n-natura taż-żewġ azzjonijiet huma differenti. Din l-azzjoni ma hijiex waħda għad-danni per se, iżda biex id-direttur responsabbli jagħmel pagament favur l-attiv tal-kumpanija, u dan fl-interess tal-kumpanija u biss meta din tkun waqfet topera.*

*Kif intqal fil-ktieb "Farrars' Company Law" (paġna 739) li għalih saret anke referenza mill-appellant Farrugia:*

*"Once liability is established, the extent of any contribution to the company assets is a matter for the court's discretion and the aim here is primarily compensatory rather than penal to ensure that any depletion of the assets attributable to the period of wrongful trading is made good."*

*L-iskop ta' din il-kontribuzzjoni hija, biex ngħidu, "to balance the books", u mhux bħala kumpens għad-danni kkaġunati. Tnaqqis li issofri soċjeta` fil-bilanċ tagħha, ma hux danni, iżda żbilanċ li, f'każ ta' kummerċ ħażin, u f'każ biss ta' stralċ tas-soċjeta`, irid jagħmel tajjeb għalih id-direttur responsabbli. Diment li s-soċjeta` tkun għadha topera, dan l-iżbilanċ fil-kotba tal-kumpanija ma jitqiesx "danni" li xi ħadd ikun irid jagħmel tajjeb għalih, iżda parti mill-operazzjoni tan-negozju, xi kultant indotta*

*volontarjament għall-fini ta' benefiċċju fiskali. L-iżbilanċ, għalhekk mhux "ħsara" fis-sens tal-Artikolu 2153 imsemmi, iżda nuqqas ta' parita` bejn l-attiv u passiv li tħalla jipperdura meta d-direttur kien jaf jew seta' kien jaf li dak l-istat ta' insolvenza ma kienx realistikament possibbli li jitwarrab.*

*L-aggravju relattiv bażat fuq l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili qed jiġi miċħud.*

Fid-dawl tas-suespost il-konklużjoni tal-Qorti hija li l-kuntest u l-binarji tal-kawża odjerna kif redatta la jipprospettaw il-kummissjoni ta' reat u lanqas xi kulpa kuntrattwali iżda BISS pretensjoni għall-ħlas tad-danni.

**Għalhekk hija l-fehma ferma tal-Qorti li fil-każ odjerna huwa applikabbli l-artikolu 2153 tal-Kap 16 għall-fini ta' preskrizzjoni.**

Stabbilit dan, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti stess fl-ismijiet **H.P.Cole Ltd vs Malta Industrial Parks Ltd deċiża fit-30 ta' Jannar 2019** fejn elenkat is-segwenti prinċipji ġurisprudenzjali rigwardanti dan l-artikolu tal-liġi -

*"In linea ta' ġurisprudenza, **dwar l-artikolu 2153 tal-Kap 16**, il-każ **Mario Pace vs Corinthia Palace Hotel Company Limited et deċiż fit-13 ta' Ġunju 2013**[14] jgħid hekk -*

*"Is-soċjetajiet konvenuti qed jeċċepixxu li l-azzjoni attriċi hi preskritta bi skadenza ta' sentejn skont l-artikolu 2153 tal-Kodici Ċivili. Dan l-artikolu jippreskrivi b'terminu ta' sentejn l-azzjonijiet kollha għad-danni li jirriżultaw minn delitt jew kwazi-delitt. L-attur da parti tiegħu jsostni li l-artikolu invokat mhux applikabbli peress li l-azzjoni tagħha hi waħda kuntrattwali……*

[14] Cit 353/05

*[.....]*

*Hu ribadit fil-ġurisprudenza tagħna li għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat (regolat bl-art.2154(1) tal-Kap.16); (b) azzjoni għall-hsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt ('l hekk imsejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn - principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Ċivili; u (c) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin;*

*Hu għalhekk paċifiku li illi l-preskrizzjoni bjennali prevvista mill-Artikolu 2153, tal-Kodiċi Ċivili tikkolpixxi "l' azione per risarcimento del danno derivante dal fatto illecito, e non quello del risaricimento del danno contrattuale, soggetta quest' ultima azione alla prescrizione confacente al determinato contratto" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 726).*

*Illi, għalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, minbarra li ma tapplikax għall-ħsara maħluqa minn għemil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata ħsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali (Ara per eż. "**Calafato vs Muscat**", deċiża fil-5 ta' Frar, 1895 (Vol. XV.44); "**Naudi vs Zammit**", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 1925 (Vol. XXVI.I.54), "**Calleja vs Xuereb**", deċiża minn din il-Qorti fl-10 ta' Mejju, 1982). Fil-kawża "**Borda vs Arrigo Group of Hotels et**", deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Jannar, 1999, ġie konfermat li l-*

*preskrizzjoni applikabbli tkun ta' ħames snin jekk id-danni huma riżultat ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni.*

*Il-kwistjoni in eżami hija jekk il-kolpa fil-każ prezenti kinetx kontrattwali jew extra - kontrattwali / aquiliana naxxenti mid-delitt jew kważi delitt.*

*L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża "**Joseph Busuttil v Emmanuel Schembri**" deċiża fid-19 ta' Frar 1954 per Sir. Luigi Camilleri, irriteniet li wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew aquiliana, vwoldiri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. "(enfasi ta' din il-Qorti.) Din il-Qorti irriteniet li fatt ta' negligenza u imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kuntrattwali, li jista' ikun non factum jew anke male factum ma tistax tkun kolpa aquiliana imma damnum injuria datum li jista' isir fl-okkażżjoni ta' kuntratt. Il-Qorti ċċitat Laurent li jgħallem "Il delitto e' una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi delitto interessa la sicurezza delle persone.... la cosa e' affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario."*

Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta il-Qorti qalet hekk fil-każ **Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016[15] -**

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

[15] Rik Gur 1051/2007

*"Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"*[16] *(Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*

*Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta ghall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq citat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridici li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Fil-każ **Joseph Caruana et vs Dominic Cutajar et deċiż fit-8 t'Ottubru 2014**[17] il-Qorti kompliet li-

*"……kif intqal fil-kawża fl-ismijiet* ***Anna Vella vs Eric Darmanin*** *(deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, mill-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco, fl-10 ta' Dicembru, 2012):*

[16] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003
[17] Cit Nru 398/05

*"Japplika wkoll il-prinċipju li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżerċizzju ta' azzjoni proċesswali tkun neċessarjament tiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv (Xuereb vs Zammit, Appell Kummercjali, 9 ta' Marzu 1994),*

*Di piu' fil-każ* ***Kuludrovic vs Muscat****, deċiża fl-1 ta' Ġunju 1959, il-Qorti tal-Appell Kummerċjali per President Anthony Mamo, irriteniet:*

*"****Bianco vs Demarco****", deċiża fit-2 ta' Ġunju 1930 fuq l-awtorita' tal-Pugliese, 'la subordinazione di un ' azione ad un'altra puo aver luogo o perche' l'accertamento di un diritto sia l-antecedente logico e neccessario per l'esercizio di un altro diritto o perche' l-esercizio di una data azione non sia permesso dalla legge se non dopo che siasi esaurito il giudizio intorno ad un altro rapport guiridico a cui l-azione si riconette" Meta dan jiġri kif appuntu fil-każ preżenti, il-preskrizzjoni għar-rigward tat-tieni azzjoni tibqa' sospiza " Se lesercizio di una azione dipende dall'esito di un giudizio nel quale si contrasta il presupposto del diritto medesimo, la pendenza di questo giudizio constituisce legali impedimento all'esercizio del diritto e sospende la prescrizione "" (Fadda art 2120 no. 120 Ara wkoll ibid art. 2119 nri 11, 17, 53, 103, 122);"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-fattispeċje tal-każ odjern il-Qorti tqis li l-ilment fir-rigward tad-diretturi tal-Priceclub Operators Ltd u ċioe' l-konvenuti Victor Zammit, Christopher Gauci u Wallace Fino jirrigwarda l-mod kif mexxew in-negozju tal-kumpanija filwaqt li mbagħad fir-rigward tal-konvenuti kollha, l-ilment huwa dwar il-mod kif saru l-*audited accounts* u ġew pubblikati. Jirriżulta mill-atti li dawn l-accounts  ġew sottomessi fir-Reġistru tal-Kumpaniji

fit-13 u fl-20 ta' Diċembru 2000. U s-soċjeta' Priceclub Operators Ltd ma baqgħetx topera wara l-2001.

Huwa paċifiku li ebda ittra uffiċjali jew protest ġudizzjarju ma ġie ntavolat kontra l-konvenuti sakemm infetħet il-kawża odjerna fit-22 ta' Marzu 2016.

**Għalhekk il-kawża odjerna hija deċiżament preskritta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

In fine l-Qorti tirrimarka li ma jreġix l-argument tal-atturi[18] li huma ma kinux f'qagħda li jaġixxu fis-sena 2001 sempliċiment għal raġunijiet fosthom li l-istralċjarju kien għadu ma lestiex l-inkarigu tiegħu, u għax meta ġiet deċiża l-kawża miftuħa minnu kontra d-diretturi tal-kumpanija fl-14 ta' Mejju 2010 kien għad hemm it-tama li l-kredituri jitħallsu d-djun. L-atturi ma jistgħux jgħidu illi li kieku tħallsu ma kinux isofru danni u jippretendu li jibqgħu passivi u inattivi legalment għal tant snin. Jekk huma preferew jistennew l-eżitu ta' proċeduri pendenti fil-Qrati sabiex jiddeċiedu definittivament jekk jipproċedux b'kawża għad-danni fil-Qorti jew le, huma kellhom kull dritt li jagħmlu dan, iżda fil-frattemp ma kienx messhom raqdu fuq id-drittijiet tagħhom mingħajr ma jieħdu ebda  passi biex jinterrompu l-preskrizzjoni perjodikament skont il-liġi.

Il-ksur tad-dritt huwa fatt storiku oġġettiv li jeżisti separatament u b'mod indipendenti mill-fatt jekk l-allegat danneġġat ikunx jaf li seħħ id-dannu kaġunat minn dak il-fatt illeċitu[19].

Fiċ-ċirkostanzi l-eċċezzjonijiet in eżami sejrin jintlaqgħu u għall-istess raġunijiet it-talbiet attriċi sejrin jiġu respinti.

---

[18] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 200
[19] Ara f'dan ir-rigward Harwood Malcolm vs Aquilina Joseph et. deċiża 27/01/2003. P.A.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi :-**

1. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti kif imressqa fir-risposti ġuramentati rispettivi tagħhom u tiddikjara li t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.**

2. **Tiċħad it-talbiet kollha tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**